2026/1162

27.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1162

tal-21 ta' Mejju 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali

(notifikata bid-dokument C(2026) 1768)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 ([2]), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/837 ([3]), il-Kummissjoni stabbiliet l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-"Riżerva") skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/1755, kif ukoll l-ammont minimu ta' riżorsi li għandhom jintefqu skont l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament.

(2) Permezz tar-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-Istati Membri tħallew jittrasferixxu l-ammont proviżorju kollu jew parti minnu allokat lilhom taħt ir-Riżerva għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility). Fl-2023, Tlieta u għoxrin Stat Membru ppreżentaw talba motivata biex jittrasferixxu ammont totali ta' EUR 2 089 446 003 mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni vvalutat dawk it-talbiet b'mod pożittiv.

(3) Fil-kuntest tar-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([5]) ġie emendat u r-riżorsi massimi stabbiliti f'dak ir-Regolament għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit tnaqqsu mill-bilanċ mhux użat tar-Riżerva (inizjalment ippjanat għall-pagament parzjali tal-2025). Dan l-ammont pendenti disponibbli jikkorrispondi għal EUR 584 264 090.

(4) Ir-Regolament (UE) 2021/1755 ġie emendat billi tqies dak it-tnaqqis. Dawk il-bidliet fir-riżorsi massimi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit jenħtieġ li jiġu riflessi fl-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali.

(5) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni, l-ammonti provviżorji globali allokati lil kull Stat Membru jingħataw fi prezzijiet attwali.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 tiġi emendata skont dan.

([1]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1803 tat-8 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali (ĠU L 362, 12.10.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1803/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/837 tas-17 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali (ĠU L 105, 20.4.2023, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/837/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803, l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Raffaele FITTO
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS*

Ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali fi prezzijiet attwali (EUR) bħala riżultat tat-tnaqqis tar-riżorsi mir-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Stat Membru	Ammont relatat mal-fatturi msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755			Ammonti mnaqqsa bħala riżultat tar-rieżami tal-QFP	Allokazzjoni proviżorja totali (wara t-trasferimenti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u t-tnaqqis bħala riżultat tar-rieżami tal-QFP)	Ammont minimu li għandu jintnefaq skont l-Artikolu 4(4) għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali
	Kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit	Ħut maqbud fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Renju Unit	Reġjuni tal-fruntieri marittimi mar-Renju Unit			
BE - Il-Belġju	129 217 527	23 333 576	5 172 766	0	157 723 869	11 040 671
BG - Il-Bulgarija	8 421 670			951 194	8 421 670	
CZ - Ir-Repubblika Ċeka				0	0	
DK - Id-Danimarka	70 693 037	94 395 388		43 884 265	165 088 425	11 556 190
DE - Il-Ġermanja	329 380 804	24 844 166		72 635 900	354 224 970	12 422 083
EE - L-Estonja				0	0	
IE - L-Irlanda	675 497 560	76 570 834	49 941 285	213 192 446	802 009 679	38 285 417
EL - Il-Greċja	13 031 153			0	13 031 153	
ES - Spanja	166 953 123	2 460 047		45 033 880	169 413 170	1 230 024
FR - Franza	142 041 225	41 642 737	47 867 301	0	231 551 263	16 208 588
HR - Il-Kroazja				0	0	
IT - L-Italja	115 950 662			30 818 750	115 950 662	
CY - Ċipru				0	0	
LV - Il-Latvja				0	0	
LT - Il-Litwanja	6 658 356	16 682		809 535	6 675 038	8 341
LU - Il-Lussemburgu				0	0	
HU - L-Ungerija	45 155 804			12 002 048	45 155 804	
MT - Malta	4 322 261			0	4 322 261	
NL - In-Netherlands	389 011 876	76 687 561	19 847 654	120 767 547	485 547 090	33 988 296
AT - L-Awstrija	21 892 628			5 818 884	21 892 628	
PL - Il-Polonja	136 011 267	1 162 353		36 459 641	137 173 620	
PT - Il-Portugall				0	0	

Stat Membru	Ammont relatat mal-fatturi msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755			Ammonti mnaqqsa bħala riżultat tar-rieżami tal-QFP	Allokazzjoni proviżorja totali (wara t-trasferimenti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u t-tnaqqis bħala riżultat tar-rieżami tal-QFP)	Ammont minimu li għandu jintnefaq skont l-Artikolu 4(4) għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali
	Kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit	Ħut maqbud fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Renju Unit	Reġjuni tal-fruntieri marittimi mar-Renju Unit			
RO - Ir-Rumanija				0	0	
SI - Is-Slovenja				0	0	
SK - Is-Slovakkja				0	0	
FI - Il-Finlandja	7 110 000			1 890 000	7 110 000	
SE - L-Iżvezja	67 431 973	4 001 632		0	71 433 605	
Total tal-EU27	**2 328 780 925**	**345 114 976**	**122 829 006**	**584 264 090**	**2 796 724 907**	**124 739 610”**